



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 18 ta' Marzu 2009(19.3)
(OR.en)**

7378/09

**AGRI 91
AGRIORG 29**

NOTA

minn:	Il-Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Is-sitwazzjoni fis-suq tal-ħalib

Fid-dawl tal-iskambju ta' opinjonijiet taħt il-punt tal-aġenda "Is-sitwazzjoni fis-suq tal-ħalib" fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd tat-23 ta' Marzu 2009, id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota tal-Presidenza.

Wara perijodu qasir u imprevedibbli ta' prezzijiet rekord għall-ħalib u għall-prodotti tal-ħalib fl-2007 u fil-bidu tal-2008, il-produtturi Ewropej issa qed jiffaċċjaw swieq dgħajfa u insiguri karatterizzati minn tnaqqis qawwi fil-prezzijiet globali tal-prodotti tal-ħalib.

Bi provvisti żejda fis-suq dinji u b'domanda mnaqqsa fis-suq intern, il-prezzijiet tas-suq tbaxxew għal qrib jew saħansitra taħt il-livelli ta' intervent. Ovvjament, il-prezz imħallas lill-produtturi tal-ħalib isegwi l-istess rotta bi tnaqqis sostanzjali fil-prezz diġà reġistrat u b'aktar tnaqqis probabbli.

F'Lulju 2007, it-trab tal-ħalib xkumat kien qed jinbiegħ għal € 3 500 kull tunnellata fl-Unjoni Ewropea. F'Jannar 2009, il-prezz medju kien madwar nofs ta' dak.

Bosta fatturi wasslu lill-analisti tas-suq biex jipprevedu perijodu partikolarment diffiċli għas-suq dinji tal-prodotti tal-ħalib. It-tkabbir ekonomiku tad-dinja huwa stmat li jitnaqqas konsiderevolment fl-2009, provvisti esportabbli disponibbli tal-prodotti tal-ħalib fir-reġjuni maġġuri tal-produtturi żdiedu notevolment, u d-domanda għall-importazzjoni tnaqqset quddiem prezzijiet bl-imnut għolja u l-inċertezza ekonomika.

Dan il-prospett sfavorevoli jidher partikolarment allarmanti minħabba l-iżvilupp ġenerali tad-dħul fis-settur agrikolu. Skont l-ewwel estimi maħruġin mill-Eurostat, l-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, f'Diċembru, id-dħul agrikolu reali għal kull ħaddiem fl-EU27 naqas b'4.3% fl-2008¹.

¹ STAT/08/184.

Skont l-estimi tal-Eurostat, dan it-tnaqqis fid-dħul agrikolu reali fl-EU27 fl-2008 huwa fih innifsu r-riżultat ta':

- żieda fil-produzzjoni agrikola fil-prezzijiet tal-produtturi f'termini reali (+4.3%);
- żieda kbira fl-ispejjeż tad-dħul f'termini reali (+10.8%);
- tnaqqis fil-valur reali tas-sussidji netti tat-taxxi (-1.5%);

żieda fid-deprezzament f'termini reali (+2.4%).

Fil-livell Komunitarju, il-Kummissjoni rreaġixxiet għal din is-sitwazzjoni b'miżuri ta' appoġġ fil-kuntest tal-proċedura ta' kumitat ta' amministrazzjoni, bħar-riintroduzzjoni riċenti ta' rifiżjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-butir, ġobon u trab tal-ħalib sħiħ jew xkumat. F'Novembru l-Kummissjoni irriintroduċiet ħażna privata għall-butir b'effett mill-1 ta' Jannar 2009 - inkluż għall-butir prodott f'Diċembru. Rigward l-intervent, ix-xiri tal-butir u tat-trab tal-ħalib xkumat kompli fl-1 ta' Marzu (bil-produzzjoni eliġibbli mill-1 ta' Frar) u jibqa' disponibbli sal-aħħar ta' Awwissu. Dawn kollha kienu sinjali ferm meħtieġa għall-produtturi li l-istrumenti eżistenti ta' appoġġ għadhom disponibbli.

Barra mis-sitwazzjoni tas-suq, il-qafas legali li jirregola s-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib inbidel ukoll konsiderevolment matul dawn l-aħħar sentejn:

- Fis-26 ta' Settembru 2007, il-Kunsill adotta l-hekk imsejjaħ "pakkett zġħir tal-ħalib" ¹, li jagħti simplifikazzjoni ta' għadd ta' regoli fis-settur tal-prodotti tal-ħalib;
- Fis-17 ta' Marzu 2008, il-Kunsill adotta r-Regolament KE 248/2008 ², filwaqt li żied il-kwoti nazzjonali fuq il-ħalib bi 2% mill-1.4.2008;
- Fid-19 ta' Jannar 2008, il-pakkett tal-"Verifika tas-Saħħa" ġie finalment adottat, filwaqt li introduċa serje sħiħa ta' bidliet fil-PAK li għandha influwenza diretta jew indiretta fis-suq tal-prodotti tal-ħalib, kemm jekk fl-oqsma tal-ħlasijiet diretti, organizzazzjonijiet tas-suq komuni jew żvilupp rurali ³.

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1152/2007/KE li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1255/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib; Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1153/2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2597/97 li jistabbilixxi regoli addizzjonali dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-ħalib u prodotti tal-ħalib għall-ħalib tax-xorb; Direttiva tal-Kunsill 2007/61/KE li temenda d-Direttiva 2001/114/KE rigward ħalib ippriservat disidratat in parti jew kollu għall-konsum tal-bniedem;

ĠU L 258, 4.10.2007

² Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 248/2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1234 rigward il-kwoti nazzjonali fuq il-ħalib

ĠU L 76, 19.3.2008

³ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2009 dwar modifiki għall-Politika Agrikola Komuni billi jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 320/2006, (KE) Nru 1405/2006, (KE) Nru 1234/2007, (KE) Nru 3/2008 u (KE) Nru 479/2008 u li jirrevoka r-Regolamenti (KEE) Nru 1883/78, (KEE) Nru 1254/89, (KEE) Nru 2247/89, (KEE) Nru 2055/93, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 2596/97, (KE) Nru 1182/2005 u (KE) Nru 315/2007; Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003; Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR); Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/61/KE li temenda d-Deċiżjoni 2006/144/KE dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013);

Għas-settur Ewropew tal-produzzjoni ta' prodotti tal-ħalib, dan l-effett konġunt ta' forzi volatili tas-suq dinji u bidliet importanti fil-qafas regulatorju għandu jimponi l-ħtieġa għal adattament estensiv.

Il-Presidenza, billi ġabet l-istat prekarju preżenti tas-settur għall-attenzjoni tal-Kunsill, tixtieq tfakkar ftit mill-fatti bażiċi li fformaw il-punt tat-tluq għall-parti relatata mal-prodotti tal-ħalib tal-"Verifika tas-Saħħa":

- F'għadd ta' Stati Membri, il-prodotti tal-ħalib jirrappreżentaw l-akbar proporzjon tal-valur totali tal-produzzjoni agrikola nazzjonali (sa aktar minn 30%). Id-distribuzzjoni ġeografika tal-produzzjoni, inklużi żoni żvantaġġati, kienet element importanti ta' diskussjoni fil-kuntest tal-"Verifika tas-Saħħa".
- Il-biedja fil-prodotti tal-ħalib (sew jekk produzzjoni jew proċessar) hija negozju li jadatta ruħu inqas rapidament u li jeħtieġ investimenti fit-tul li jqumu ħafna flus. Bħala tali, din teħtieġ grad partikolari ta' prevedibbiltà
- Minkejja l-varjazzjonijiet attwali, is-suq tal-ħalib u l-prodotti industrijali tal-ħalib ser ikompli joffri potenzjal għoli. Il-produtturi Ewropej iridu jibqgħu kompetittivi fis-swieq interni u tal-esportazzjoni bi provvista sigura u affidabbli tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib.

B'din il-ħtieġa għall-kompetittività f'moħħha, il-Presidenza tistieden lill-Kunsill għal skambju ta' opinjonijiet dwar is-sitwazzjoni tas-settur.

ĠU L 30, 31.1.2009